# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' Lulju, 2022.**

**Numru 2**

**Rikors numru 63/20/1 TA**

**Marco Joseph Bugeja**

**v.**

**George Fava u Atlas Insurance PCC Limited (C-5601)**

1. Fis-26 ta' Settembru 2015 l-attur ġie milqut minn vann li kien qiegħed jirriversja, misjuq mill-konvenut George Fava. Dak iż-żmien l-attur kien jaħdem bħala *handyman/technician* ma' Malta Dairy Products. Fava minn dejjem aċċetta r-responsabbilita` għal dan l-inċident, u ma kkontestahiex lanqas f'dawn il-proċeduri. B'konsegwenza ta' dan l-inċident l-attur sofra debilita` fiżika permanenti f'riġlejh, u fil-mori tal-

kawża l-partijiet kollha qablu li b'konsegwenza tal-istess inċident l-attur sofra rata ta' diżabilita` permanenti ta' 4%.

2. F'dawn il-proċeduri l-attur talab lill-ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tiddikjara lill-konvenut George Fava responsabbli għall-inċident tat-traffiku li ġara fis-26 ta' Settembru 2015 u li kkawża dannu permanenti fuq parti tal-ġisem tal-istess attur.
>
> 2. Tillikwida d-danni kollha kemm ta' lucrum cessans u dannum emergens skont il-liġi.
>
> 3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma li tiġi likwidata.
>
> Bl-ispejjeż tal-ittri tal-kawża u tal-ittri uffiċċjali. Il-konvenut George Fava msejjaħ għas-subizzjoni. Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-5 ta' Frar, 2016, tal-14 ta' Settembru 2017 u tas-26 ta' Lulju, 2019."

3. Il-konvenuti eċċepew, *inter alia,* illi George Fava kien diġa` aċċetta r-responsabbilita` għall-inċident mertu tal-kawża, li l-entita` tad-danni pretiża mill-attur qed tiġi kkontestata, u li l-konvenuti m'għandhomx jiġu kkundannati jħallsu spejjeż ġudizzjarji.

4. Bis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-10 ta' Jannar 2022 ġie deċiż hekk:

> "Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:-
>
> Tillibera mill-osservanza tal-ġudizzju lis-Soċjeta' Konvenuta.
>
> Tilqa' l-ewwel talba Attriċi u tiddikjara lill-konvenut George Fava responsabbli għall-inċident tat-traffiku li ġara fis-26 ta' Settembru 2015 u li kkawża dannu permanenti fuq il-parti tal-ġisem tal-Attur.

> Tilqa' it-tieni talba Attriċi u tillikwida d-danni kumplessivament fl-ammont ta' tmintax il-elf u sebgħa mitt ewro (€18,700).
>
> Tilqa' it-tielet talba Attriċi u tikkundanna lill-Konvenut George Fava jħallas lill-Attur is-somma hekk likwidata bl-imgħaxijiet legali mill-presenti sal-pagament effettiv.
>
> Spejjes tal-Kawża a' karigu tal-Konvenut George Fava salv dawk tas-Soċjeta' konvenuta li għandhom ikunu sopportati mill-Attur."

5. Il-konvenut George Fava preżenta r-rikors tal-appell tiegħu fid-9 ta' Frar 2022 permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata għal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni ta' danni billi tvarja l-elementi tad-*damnum emergens* u l-elementi ta' *lucrum cessans* fosthom tal-multiplicand u tal-*multipier*, filwaqt li tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata.

6. L-attur preżenta r-risposta tal-appell tiegħu fit-18 ta' Marzu 2022 permezz ta' liema ssottometta li s-sentenza appellata hija sostanzjalment ġusta u timmerita konferma.

**Ikkonsidrat:**

7. L-appellant jilmenta li għalkemm l-ewwel Qorti għamlet aċċenn għan-nuqqas ta' dokumenti u provi fattwali sodisfaċenti tal-appellat sabiex jissostanzja t-talbiet tiegħu, l-istess Qorti warrbet għal kollox l-obbligu tal-attur li jipproduċi l-provi kollha neċessarji sabiex jilħaq l-oneru tal-prova mistenni minnu, u minflok applikat il-prinċipju ta' *arbitrio boni viri*

biex waslet għal-likwidazzjoni tad-danni fl-ammont ta' €18,700. Isostni li l-provi prodotti mill-appellat f'dan il-każ huma biss allegazzjonijiet imsejsa fuq sempliċi dikjarazzjonijiet mingħajr ebda sostanza dokumentarja jew fattwali u għalhekk l-ewwel Qorti ma setgħatx tillikwida d-danni bil-mod kif illikwidathom. Rigward is-somma ta' €400 likwidati mill-ewwel Qorti għal spejjeż ta' kura u mediċini jilmenta li dawn l-ispejjeż la kienu mitluba mill-appellat u wisq anqas pruvati. Fir-rigward tas-somma ta' €1,200 likwidata mill-ewwel Qorti għat-telf ta' salarju meta l-appellat jgħid li ma daħalx għax-xogħol jargumenta li mhux biss m'hemm l-ebda prova dwar dan, iżda wkoll li l-appellat stess kien qal li f'dak il-perjodu kien tħallas, għalkemm fuq bażi ta' *half pay.* Dwar il-*lucrum cessans* jgħid li l-ewwel Qorti ma kellhiex tillikwida €2,500 bħala *overtime* għaliex ma tressqet l-ebda prova mill-appellat f'dan ir-rigward u fil-fatt l-ewwel Qorti bbażat ruħha fuq FS3 tal-2020, mentri skont il-ġurisprudenza l-Qorti għandha tagħmel il-likwidazzjoni tagħha bbażata fuq il-paga li kellu l-vittma fiż-żmien tal-inċident. Jilmenta wkoll dwar il-konklużjoni tal-ewwel Qorti li tibbaża l-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans* fuq bażi ta' introjtu ta' €300 fil-ġimgħa u jenfasizza li l-appellat ma ressaq l-ebda prova dwar l-introjtu tiegħu fiż-żmien l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, minkejja li din hija prova bażilari.

8. L-appellant jargumenta li l-likwidazzjoni ta' danni *arbitrio boni viri* m'għandha qatt tissostwixxi jew tagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' provi

sodisfaċenti u għandha tintuża f'ċirkostanzi straordinarji, meta jkun hemm raġuni valida biex isir dan. Jargumenta li l-prinċipju ta' riżarċiment ta' danni fil-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin huwa mibni fuq id-dottrina tar-*restitutio in integrum*, u għalhekk kwalunkwe danni likwidati a skans ta' bażi soda ta' evidenza u provi konkreti mhuwa xejn aktar minn arrikkiment indebitu` favur l-appellat.

9. L-appellant jargumenta li kwalunkwe danni *lucrum cessans* li jiġu likwidati favur l-appellat għandhom jiġu likwidati a bażi tal-paga minima fiż-żmien l-inċident in kwistjoni, u ċioe` €720.46 fix-xahar jew €8,646 fis-sena. Iżid li l-ebda somma m'għandha tiġi kkonsidrata għal dak li jirrigwarda l-allegat xogħol *part-time* tal-appellat peress li ma nġiebet l-ebda prova dwar dan l-allegat dħul u għalhekk dan kien dħul li ma kienx qiegħed jiġi dikjarat lill-awtoritajiet fiskali. Jilmenta wkoll dwar il-*multiplier* ta' 22 sena adottat mill-ewwel Qorti. Skont l-appellant, ġaladarba l-appellant kellu 43 sena meta seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri u l-eta` tal-irtirar hija ta' 65 sena, il-*multiplier* korrett skont il-ġurisprudenza huwa ta' mhux aktar minn 15.

10. L-appellat jirribatti li huwa fatt li f'kull likwidazzjoni ta' danni f'inċident stradali jrid jidħol il-ħin kollu l-element ta' apprezzament soġġettiv tal-ġudikant. Jgħid li l-punt kontenzjuż f'din il-kawża huwa l-fatt li hu kien jagħmel xogħol *part-time,* li hemm prova li dan kien jagħmlu u li

l-kumpanija assiguratriċi qed tapprofitta ruħha mill-fatt li dan ix-xogħol ma kienx jidher fuq id-dikjarazzjoni tat-taxxa. Dwar il-*multiplier* jgħid li l-Imħallfin għandhom il-possibilita` li **jibqgħu** jaħdmu sal-eta ta' 68 u għalhekk il-*life expectancy* trid tiżdied sa 22 numru ta' snin. Dwar l-argument tal-appellant fuq nuqqas ta' provi jgħid li anke fil-każ ta' persuni li ma jagħmlux xogħol barra mid-dar, il-Qorti tagħti danni, likwidati a bażi tal-paga minima nazzjonali. Jgħid li fil-każ odjern, hu kapaċi jagħmel xogħol ta' tibjid u xogħlijiet oħra neċessarji fid-dar, irid jittieħed in konsiderazzjoni li qabel l-inċident hu seta' jiffranka flus fuq dan ix-xogħol li issa ma jistax għaliex irid iqabbad persuni oħra. Jgħid li l-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni wkoll il-potenzjal ta' żidiet fil-pagi u promozzjonijiet.

11. L-ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Damnum emergens
>
> 7. Dawn huma danni li għemil tad-danneġġjant jġib direttament lill-parti li tbati l-ħsara konsistenti fi spejjes li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali. Dan huwa xorta ta' dannu, li bħal kull dannu ieħor, irid ikun ipprovat minn min jallegah u li l-piż ta' din il-prova tistrieħ fuq min ġarrab il-ħsara.
>
> 8. Il-Qorti eżaminat sewwa l-provi fir-rigward ta' dawn ix-xorta ta' danni. Il-Qorti ma sabet ebda dokumenti, bħal ma huma riċevuti ta' mediċi jew ta' ħlas għall-ħsara sofferta biex tkun tista' tasal għal somma preċiża. Dawn ix-xorta ta' danni huma nieqsa għal kollox anke jekk li "..appart t-telf ta' pagi w qliegh jiena kelli wkoll spejjez sostanzjali ta' tobba, specjalisti u medicinali u jekk il-Qorti tordnali nista' nipproduci l-konteggi". (Ara a' fol 71 affidavit tal-Attur).
>
> 9. Il-Qorti tirrileva, li din ma kienitx kwistjoni tiddependi minn ordni tal-Qorti. Il-Qorti ma tidderiġiex lil xi parti xi prova għandha ġġib, għaliex hekk tkun qed tagħmel dispett lill-parti l-oħra. Dawn ix-xorta ta' provi iridu jitressqu mill-parti li tallegahom, aktar u aktar meta kif ingħad hawn fuq, il-piż tal-prova jistrieħ fuqu.

10. B'dana kollu jekk din il-Qorti tkun moralment konvinta li xi xorta ta' spejjes bil-fors ikunu saru minħabba l-każ, dan ma jfissirx li b'daqshekk ma għandhiex tapplika konsiderazzjonijiet ekwitattivi minħabba assenza totali ta' provi konkreti. Sewwa jgħidu l-konvenuti li ż-żmien li l-Attur ma marx għax-xogħol kien bejn it-26 ta' Settembru 2015 u it-18 ta' Diċembru 2015. Iġifieri, il-perjodu li dam ma jmurx għax-xogħol kien ta' kważi tlett xhur. Huwa minnu ukoll, li għal dak il-perjodu, huwa xi xorta ta' salarju baqa' jirċievi iżda imnaqqas għaliex kien fuq sick leave.

11. Dawn il-Qrati jsostnu li s-setgħa affidata mil-liġi bl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' ekwita`, ma għandhiex isservi ta' mezz kif dak li jkun jaħrab mill-obbligu tal-prova (Ara Sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Noel Xuereb -vs- CTB Limited tat-12 ta' Mejju, 2003). Iżda dan it-tagħlim huwa applikabbli, meta mhux biss ma jkunux ġew esebiti provi rejali u konkreti, iżda meta ukoll, ma jkunux jesistu sitwazzjonijiet li kredibbilment tassew ikunu taw lok għal telf ta' dħul jew ta' ħlas li kellu jsir. Fil-Każ li għandha quddiemha l-Qorti temmen, li xi xorta ta' ħlasijiet għal kura medika saru u kif ukoll li tul il-perjodu l-Attur ma marx għax-xogħol irċieva paga imnaqqsa.

12. F'dan ir-rigward, u fid-dawl ta' dak li ingħad aktar 'l fuq, issir referenza għal dak li qalu l-Qrati tagħna fis-sens li "Ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-gudikant anke fis-sistema tal-ligi taghna, l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligh bla doperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. Ara a propozitu decizjoni a Vol. XXXV P III p 615 fejn gie proprju rikonoxxut, fuq l-istregwa ta' dak espress mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, illi "vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e` rimesso al magistrato il valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l' ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato" (Ara Sentenza tas-7 ta' Lulju, 2017, Prim Awla, fl-ismijiet Carmel D'Amato u Rita D'Amato u b'degriet tas-16 ta' Dicembru, 2014 -vs- Perit Edgar Rossignaud u martu Madeleine Rossignaud).

13. Dan huwa ukoll rikonoxxut mit-Torrente fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Privato, 11 Ed. pag. 652 li jikteb hekk:

> "la valutazione del danno puo` essere particolarmente laboriosa; basti pensare alla determinazione del risarcimento dovuto per danni arrecati alla persona. E` giusto, pertanto, che al giudice sia attribuito in materia in quando le parti non riescano a trovare un accordo diretto, un ampio potere equitativo";

14. Għalhekk sa fejn jirrigwarda spejjes ta' kura u mediċina din il-Qorti qed tillikwida arbitrio boni viri s-somma ta' erbgħa mitt ewro (€400) u kwantu għal telf ta' salarju tenut kont li l-Attur kellu €330 fil-ġimgħa, telf ta' mitt ewro (€100) fil-ġimgħa kemm dam ma jmurx għax-xogħol huwa raġjonevoli. Għalhekk telf attwali ta' tnaqqis fil-paga qed ikun likwidat bonarjament fl-ammont ta' elf u mitejn ewro (€1,200). Dan ifisser, li

b'kollox bħala damnum emergens is-somma likwidata hija dik ta' elf u sitt mitt ewro (€1,600).

Lucrum cessans

15. Dwar il-perċentwal tal-permanenza tad-diżabilita', kif diġa' aċċennat aktar 'l fuq, il-partijiet huma konkordi dwar l-ammont ta' 4%. L-aspettativa tal-ħajja.

16. Dwar l-aspettativa tal-ħajja lavorattiva tal-Attur, ossia l-multiplier ta' snin il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet. Ma nġabet ebda prova li qabel l-inċident, l-Attur kellu xi inċident ieħor jew li kien qiegħed isofri minn xi kondizzjoni ta' saħħa. Ghalkemm huwa minnu li l-ħajja hija soġġetta għal ħafna kontinġenzi u varjazzjonijiet li jistgħu jinqalgħu fil-futur, il-Qorti ma għandha ebda raġuni għalfejn tifhem li l-Attur mhux ser ikompli jaħdem sal-eta' penzjonabbli jew li hemm fatturi li jistgħu iżommuh milli jagħmel hekk, anke jekk jiddikjara li ma għadux iħossu tajjeb daqs kemm kien qabel l-inċident. F'dawn ix-xorta ta' Kawżi l-Qorti trid toqgħod attenta ħafna għal ċertu esaġerazzjonijiet li jsiru miż-żewġ partijiet. L-Attur biex ikabbar l-effetti tal-ħsara u l-Konvenut biex jipprova jimminizzahom.

17. Dawn il-Qrati ma kienux daqstant uniformi dwar x'multiplier għandu japplika u dan anke jidher mis-segwenti lista ta' Sentenzi:

- 5 snin fil-każ ta' persuna ta' 53 sena Mizzi vs Azzopardi PA 16-Diċ-2004;

- 15-il sena fil-każ ta' persuna ta' 22 sena Butler vs Heard App Civ Sup 22-Diċ-1967;

- 15-il sena fuq persuna ta' 24 sena Gauci vs Xuereb PA 29- Ott-1970; - 18-il sena fuq persuna ta' 28 sena Camilleri vs Polidano PA 1- Ott-1982;

- 18-il sena fil-każ ta' persuna ta' 42 sena Bonnici vs Gauci PA 15-Sett-1999;

- 20 sena fil-każ ta' persuna ta' 34 sena Bugeja vs Agius App Ċiv Sup 26-Lul-1991;

- 20 sena fil-każ ta' persuna ta' 33 sena Dalmas vs Ghigo App Civ Sup 5-Frar-1980,

- 25 sena fil-każ ta' persuna ta' 30 sena Caruana vs Camilleri App Civ Sup 27-Feb-2004;

- 26 sena fil-każ ta' persuna ta' 35 sena Seisun vs Brincat PA 29-Ott-1998

- 30 sena fil-każ ta' persuna ta' 17-il sena Turner vs Agius App Ċiv Sup 28-Nov- 2003;

- 30 sena fil-każ ta' persuna ta' 26 sena Grima vs Penza PA 30-Ġun-2004;

- 30 sena fil-każ ta' persuna ta' 23 sena Zammit vs Zahra PA 20-Jan-2005;

- 35 sena fil-każ ta' persuna ta' 18-il sena Sammut vs Zammit App Civ Sup 3- Dic-2004;

- 36 fil-kaz ta' persuna ta' 20 sena Mizzi vs Azzopardi PA 16-Dic-2004.

18. Fil-varjeta' ta' multiplier applikati f'dawn is-Sentenzi, din il-Qorti tagħraf li element ta' diskrezzjoni affidata lill-ġudikant li ħafna drabi tvarja minn każ għall-ieħor. Dan qiegħed jingħad fid-dawl tal-affidament li jagħti artikolu 1045(2) tal-Kodiċi Ċivili jagħti lill-Qrati. Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti illum, ma tarax għalfejn ma għandhiex tapplika l-multiplier ta' 22 sena u cioe' mill-2015 sa meta l-Attur jasal biex jagħlaq 65 sena, is-sena li fiha jkun intitolat għall-pensjoni kontributorja. L-element ta' dak li jissejjaħ, changes and chances of life, akbar ma tkun fl-eta' il-persuna danneġġjata, aktar jonqos. Għalhekk il-multiplier li ser tkun qed tapplika huwa dak ta' 22 sena.

[*omissis*]

Telf ta' dħul ieħor .

23. Normalment f'dan it-telf jidħlu ukoll l-opportunita' mankata ta' overtime. Dwar dan l-aspett fis-Sentenza fl-ismijiet Robert Camilleri -vs- Malta Shipbuilding Company Ltd deċiża fl-24 ta' Settembru 2004 il-Qorti qalet is-segwenti:

> "…deher car li l-attur gie priv milli jippercepixxi l-istess ammont ta' hlasijiet ghal xoghol bis-sahra kif ukoll dawk l-"allowances" li l-haddiema fl-istess grad tieghu hadu f'dik is-sena partikolari. Kien mela telf attwali u ma kien hemm xejn azzardat u kienet ghalhekk korretta l-ewwel Qorti li talloka l-ammont in kwistjoni lill-attur bhala parti mill-quantum tad-danni dovut lilu in konsegwenza diretta ta' dan l-incident".

24. Imma biex din il-Qorti tkun tista' tikkonsidra dan ix-xorta ta' telf, irid ikun hemm xi xorta ta' prova, kif fil-fatt kien hemm fis-Sentenza ċitata. In mankanza assoluta ta' prova f'dan ir-rigward ma tistax tassumi fatti li ġew ipprovati. Irid jinghad li l-Attur la fir-rikors ġuramentat tiegħu u l-anqas fl-affidavit tiegħu ma jagħmel aċċenn għal dan ix-xorta ta' entrojtu. Pero' jirrisulta, li fil-fatt kien jagħmel overtime, tant li mill-FS3 jirrisulta elf u tlett mija u sitt ewro (€1,306) over time għax-xahar ta' Diċembru. Għalhekk huwa ċar, li anke dan għandu jkun ikkalkolat ai fini ta' telf ta' qliegħ futur.

25. L-Attur jagħmel ukoll referenza għax-xogħol l-ieħor ta' handyman bħala xogħol part-time. Għalkemm l-element ta' overtime ma hux wieħed assolut daqs kemm hija l-paga bażika, dawn il-Qrati xorta qiesuh. F'dan ir-rigward issir referenza għas-Sentenza fl-ismijiet Giovanna sive Jane Bianco -vs- Carmelo Bianco deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta` Ottubru 2013 fejn il-Qorti qieset sew is-salarju bażiku kif ukoll il-ħlas għall-overtime li kien wieħed regolari.

26. Fir-rigward tal-overtime din il-Qorti ser tikkalkulah billi tieħu s-segwenti konsiderazzjonijiet. La darba l-overtime ma hux wieħed assolut, tenut kont tal-perċentwal ta' diżabilita', l-eta' tal-Attur u ħiliet tiegħu, l-Qorti tħoss l-ammont ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) għandu jkun ġust fiċ-ċirkostanzi.

27. L-Attur jgħid ukoll li jagħmel xogħol ta' handyman. Dan jgħidu fl-affidavit tiegħu (ara fol 70). Apparti l-kelma tiegħu, l-unika prova li ġab tikkonsisti f'affidavit tal-Avukat Joe Brincat, peress li l-Attur kien għamel xi xogħol fid-dar tiegħu. Dr. Joe Brincat jgħid, li fil-fatt meta weġġa' kien qed jagħmel dan ix-xogħol barrani tant li l-Attur bagħat lit-tifel tiegħu jkompli x-xogħol. B'dana kollu dan it-tifel ma tressaqx bħala xhud u l-anqas ġew prodotti xi xorta' ta' riċevuti fiskali. L-anqas Dr. Joe Brincat ma semma kemm ħlas għaliex kien iħalli kollox f'idejn il-mara tiegħu.

28. Di piu', għall-fatt li ma tressqet ebda prova konkreta tal-quantum tal-qliegħ minn dan ix-xogħol u li jidher li ma kienx dikjarat mal-Awtoritajiet kompetenti, din il-Qorti ma għandhiex quddiemha ċifri ċerti ma x'hiex taqbad biex tkun tista' tagħmel il-kalkoli tagħha għal telf futur dwar dan ix-xogħol part time. Fl-aħħar nett, din il-Qorti l-anqas tista' tagħlaq għajnejha għall-fatt li dan huwa qliegħ li ma ġiex denunzjat mal-Awtoritajiet fiskali. Jekk kien hemm dawn id-denunzji ma ġewx esebiti bl-istess mod li ġiet esebita l-FS3 tax-xogħol prinċipali tal-Attur (Ara Sentenza tat-12 ta' Lulju 2019 fl-ismijiet Silvio Buttigieg -vs- Image Systems Limited tal-Qorti tal-Appell Superjuri).

Ix-xogħol prinċipali

29. Bħala prova tal-qliegħ tal-impieg prinċipali tiegħu, l-Attur presenta FS3 tal-31 ta' Diċembru 2020. Il-konvenuti għandhom raġun meta fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom isostnu, li kellha tkun presentata dik għas-sena 2015, meta seħħ l-inċident. Di fatti dawn il-Qrati jgħallmu li l-Qorti m'għandhiex timxi fuq konġetturi jew spekulazzjonijiet ta' x'jista' jkun hemm fil-ġejjieni. Ma jista' jkun hemm qatt ċertezza ta' ħaġa bħal din għax fil-ħajja jista' jkun hemm fatturi kemm pożittivi u kemm negattivi li l-bniedem ma jistax jipprevedihom anke jekk ikun hemm indikazzjonijiet ta' naħa jew ta' oħra. Għalhekk il-Qorti ma tistax tqis il-probabbli awmenti ta' paga iżda jkollha toqgħod fuq il-paga tal-vittma fil-mument ta' l-inċident. (Ara Sentenza tal-Prim Awla tal-20 ta' Mejju, 2013 fl-ismijiet Alex Azzopardi -vs- Anna Ellul tat-28 ta' Jannar 2010). Pero' dan il-prinċipju ma jfissirx li din il-Qorti għandha tinjora għal kollox

li s-salarju li ser ikun ikkalkulat kif fuq spjegat, ser ikun qed jitlef mill-purchasing power tiegħu ‘l quddiem minħabba l-inflazzjoni tal-ħajja, u li din kontinwament togħla u mhux tonqos, huwa fatt notorjament magħruf minn kulħadd. Għalhekk, ir-rata ta’ inflazzjoni futura bil-fors trid tittieħed inkonsiderazzjoni u dan kif ser jingħad aktar ‘l isfel.

30. Jibda biex jingħad, li l-Attur żgur ma kienx qiegħed jirċievi paga minima iżda dik iddikjarata fl-FS3 tiegħu, li żgur hija paga medja. Għalhekk biex tkun tista’ tagħmel il-kalkoli tagħha, din il-Qorti ser tieħu bħala gwida l-awment pro rata fil-paga minima li fl-2020 kienet €784 fix-xahar. Fl-2015 din kienet ta’ €720 fix-xahar, iġifieri ħames snin wara ġdiedet b’biss b’€50 fix-xahar. Huwa kalkolat, li l-paga minima tiżdied b’€2.50 fix-xahar għal kull sena u cioe’ circa €30 fis-sena (ara rapport tal-Bank Ċentrali ta’ Malta).

31. Imma anke jekk l-Attur kien qiegħed jirċievi paga medja, żgur pero’, li ma kienx hemm xi żidiet fenominali fil-paga tiegħu bejn l-2015 u 2020. B’dana kollu, tenut kont li ma ġew presentati ebda FS3s għas-sena li meta seħħ l-inċident, din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha għalfejn tnaqqas esaġerament mill-ammont li qed jirċievi issa. Għalhekk, din il-Qorti ser tkun qed tqies li l-Attur, fil-mument tal-inċident kien qed jirċievi paga ta’ €300 fil-ġimgħa.

32. Kwantu jirrigwarda l-punt tal-inflazzjoni, huwa minnu, li skont kif intqal aktar ‘l fuq, il-paga fil-mument tal-inċident li għandha tittieħed għall-fini ta’ likwidazzjoni tad-danni. Iżda huwa minnu ukoll, li huwa fatt mhux kontestat li l-ħajja ta’ kuljum tendenzjalment dejjem tiżdied b’mod li jitnaqqas il-purchasing power ta’ min huwa impjegat. Di fatti l-Qorti tal-Appell kellha dan xi tgħid: “Huwa risaput li minn zmien ghal zmien il-pagi jgholew dana bhala rizultat ta’ l-inflazzjoni li teffettwa l-purchasing power ta’ dak li jkun. Fuq firxa ta’ tlettin sena wiehed jistenna li l-paga tizdied, forsi mhux kemm qed issostni l-attrici, izda ghal menu b’20 %” (Ara Sentenza tat-30 ta' Mejju, 2008 Appell Ċivili fl-ismijiet Leserlie Caruana v. Brian Cauchi).

33. Għalhekk anke din il-Qorti ma tistax tinjora l-element inflazzjonarju fuq il-valur tal-flus meta tillikwida d-danni sofferti. F’dan il-każ il-Qorti tħoss, anke fuq gwida tas-Sentenza sudetta, li għandha tqies inflazzjoni ta’ 15%. F’dan ir-rigward il-Qorti tqies li s-somma ta’ elf u tmien mitt ewro (€1, 800) tkun ġustifikata biex tikkumpensa għal dan.

Likwidazzjoni totali tad-danni

34. Għalhekk fid-dawl tal-prinċipji, liġi u Sentenzi fuq imsemmija l-Qorti issa ser tgħaddi biex tillikwida d-danni.

35. Kwantu għall-paga bażika l-Qorti qed tillikwida s-somma ta’ tnax-il elf u tmien mitt ewro (€12,800). Dan ġie maħdum hekk: 330x52x22 (paga bażika fuq 22 sena) - 75,504 (lump sum bit-20%) =302,01 u 4% ta’ din issomma (rata ta’ dizabilita)= 12,800. Ma dawn iridu jingħaddu

elf u sitt mitt ewro (€1600) damnum emergens, elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) overtime, elf u tmien mitt ewro (€1,800) għall-inflazzjoni. B'kollox l-ammont likwidat għalhekk hu ta' tmintax-il elf u sebgħa mitt ewro (€18,700).

36. Fl-aħħar nett il-Qorti tosserva, li għalkemm il-Kawża hija diretta kontra l-Konvenut u s-Soċjeta' Konvenuta, kemm il-premessi u kif ukoll it-talbiet huma pero' diretti biss lejn il-Konvenut. Dawn il-Qrati dejjem għallmu li l-Qorti għandha toqgħod biss fuq il-kawżali u t-talba dedotta, u xejn iżjed (ara Vol. XXXIX P I p 243). Il-Kawżali u talbiet tar-rikors ġuramentat huma diretti kontra l-Konvenut biss. Għalhekk, is-Soċjeta' konvenuta ser tkun illiberata mill-osservanza tal-ġudizzju u dan mingħajr ebda preġudizzju għal dak li jiddisponi l-artikolu 10 tal-Kap 104 tal-liġijiet ta' Malta."

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

12. L-appell tal-konvenut jitratta biss il-*quantum* tad-danni. Parti kbira mil-lanjanza tal-konvenut appellanti hija li l-attur ma ressaqx provi suffiċjenti dwar id-danni li sofra, u li l-ewwel Qorti llikwidat *arbitrio boni viri* erronjament. Wara li eżaminat l-atti, din il-Qorti taqbel mal-appellant li l-attur ressaq provi verament skarsi dwar id-danni subiti minnu. Fil-fatt, l-uniċi provi prodotti mill-attur kienu FS3 tal-2020, l-affidavit tiegħu u l-affidavit ta' Dr. Joseph Brincat li kkonferma li l-attur kien jagħmel xogħol *part-time* ta' kisi u tibjid. Min-naħa tiegħu l-appellat jargumenta li f'kawża għal-likwidazzjoni ta' danni akwiljani hemm dejjem element soġġettiv għaliex il-likwidazzjoni tad-danni ssir skont l-apprezzament soġġettiv tal-ġudikant. Għalkemm huwa minnu li l-ġudikant għandu ċertu ammont ta' diskrezzjoni fil-likwidazzjoni tad-danni akwiljani, dan ma jfissirx pero` li dawn id-danni jistgħu jiġu likwidati a bażi ta' allegazzjonijiet mhux suffiċjentement korroborati, kif jippretendi l-appellat. Kif intqal fis-

sentenza fl-ismijiet **Margaret Camilleri et v. The Cargo Handling Co Ltd** (Prim' Awla, 13/10/2004):

> "Indiskutibilment il-gudikant ma jistax lanqas f'dawn il-kazi jipprexxendi mill-fatt illi l-parti istanti mhix ezonerata mid-dmir li tipprovdi dawk l-elementi probatorji u dawk il-fattijiet lihi tkun taf bihom ghall-iskop tad-determinazzjoni tat-telf. Min-naha tieghu l-gudikant hu tenut li jaghti piz debitu lil dawk l-elementi kollha tal-kaz konkret akkwiziti fil-process. Fi kliem iehorhu ghandu jipprovdi motivazzjoni logika tal-kriterji ta' l-apprezzament prudenti adottati li juru kif wasal ghal-likwidazzjoni tal-quantum debeatur."

13. Il-Qorti tibda billi tirrileva li ma tistax tifhem kif l-ewwel Qorti llikwidat *damnum emergens* ta' €400 għall-ispejjeż ta' kura u mediċini. L-attur ma ressaq l-ebda prova li huwa fil-fatt inkorra dawn l-ispejjeż. Fil-fatt, għalkemm fl-affidavit tiegħu qal li b'konsegwenza tal-inċident mertu ta' din il-kawża huwa kellu jinkorri diversi spejjeż ta' tobba, speċjalisti mediċi u mediċini, huwa ma produċa l-ebda prova dokumentarja li tikkorrobora dan. L-attur lanqas biss semma figura fl-affidavit tiegħu ta' kemm nefaq f'dan ir-rigward, iżda qal sempliċiment li "jekk l-Qorti tordnali nista' nipproduċi l-konteġġi." Pero` l-attur ma kellux jistenna li l-Qorti tordnalu biex jipproduċi dokumenti li jikkorroboraw l-allegazzjoni tiegħu u jippruvaw kemm effettivament nefaq f'dan ir-rigward, għaliex bil-liġi l-oneru tal-provi kien jinkombi fuqu. Għalhekk, ġaladarba l-attur ma ressaq l-ebda prova dwar l-ispejjeż li allegatament inkorra fuq tobba u mediċini, u ġaladarba r-riżarċiment ta' *damnum emergens* jista' jiġi biss akkordat a bażi ta' provi konkreti li jippruvaw a sodisfazzjoni tal-Qorti kemm ikun

nefaq l-attur, l-ewwel Qorti ma kellhiex tillikwida €400 lill-attur bħala *damnum emergens* għall-spejjeż mediċi.

14. L-ewwel Qorti llikwidat ukoll is-somma ta' €1,200 bħala *damnum emergens* rappreżentanti t-telf ta' salarju meta l-attur allegatament ma kienx qiegħed jidħol xogħol minħabba l-inċident mertu ta' din il-kawża. F'dan ir-rigward il-Qorti tirrileva li *damnum emergens* jirreferi għall-spejjeż li jkun inkorra l-vittma minħabba l-inċident, u ċioe` flus li hu jkun attwalment ħareġ u mhux qligħ li jkun tilef minħabba l-inċident li huma riżarċiti bħala *lucrum cessans.* Għalhekk l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta llikwidat €1,200 bħala *damnum emergens* rappreżentanti t-telf tas-salarju meta l-attur allegatament ma kienx qiegħed jidħol xogħol minħabba l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti minn imkien ma jirriżultalha li l-attur kellu salarju ta' €300 fil-ġimgħa kif ġie kkonsidrat mill-ewwel Qorti. Fl-affidavit tiegħu l-attur xehed li fiż-żmien tal-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri huwa kellu introjtu ta' €22,500 netti fis-sena. Din ix-xhieda pero` mhija korroborata mill-ebda prova oġġettiva oħra, peress li l-FS3 esebita mill-attur (*fol.* 86) hija għas-sena 2020, u ċioe` ħames snin wara li seħħ l-inċident in kwistjoni. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-ebda ammont ma kellu jiġi likwidat għall-allegat telf soffert mill-appellat f'dan ir-rigward. L-appellat ma ressaq l-ebda prova ta' kemm effettivament tilef granet ta' xogħol minħabba l-inċident mertu ta' din il-kawża, u lanqas ma ressaq prova dwar x'kien l-introjtu tiegħu dak

iż-żmien u b'kemm ġie mnaqqas waqt li allegatament ma kienx qiegħed jidħol għax-xogħol minħabba l-ġrieħi sofferti minnu. Ġaladarba l-appellat qal li dak iż-żmien kien impjegat żgur li ma kienx irraġonevolment diffiċli li jikkonsegwi l-provi neċessarji sabiex jissodisfa l-oneru tal-prova li kien jinkombi fuqu dwar x'kien it-telf tiegħu fiż-żmien meta allegatament ma kienx qiegħed jidħol xogħol minħabba l-inċident in kwistjoni. Għaldaqstant il-Qorti tqis li anke l-ammont ta' €1,200 likwidat mill-ewwel Qorti għandu jiġi mnaqqas.

15. L-appellant jilmenta wkoll dwar is-somma ta' €2,500 li ġiet likwidata mill-ewwel Qorti bħala ammont rappreżentanti telf ta' *overtime* mill-appellat. L-ewwel Qorti waslet għal din iċ-ċifra wara li kkonsidrat li mill-FS3 esebita mill-attur jirriżulta li kellu ntrojtu ta' €1,306 għall-*overtime* fix-xahar ta' Diċembru. Il-Qorti pero` tosserva li din l-FS3 mhijiex taż-żmien meta, jew qabel, seħh l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, u ċioe` tal-2015 jew snin ta' qabel, iżda tal-2020. Għalhekk din il-Qorti taqbel mal-appellant li dan l-ammont ma kellux jiġi nkluż fil-likwidazzjoni tad-danni pagabbli minnu.

16. L-appellant jilmenta wkoll dwar il-*lucrum cessans* likwidat mill-ewwel Qorti għaliex jgħid li l-appellat ma ressaqx provi suffiċjenti sabiex l-ewwel Qorti tillikwida l-*lucrum cessans* fuq bażi ta' paga ta' €300 fil-ġimgħa. Fir-rigward tal-argument tal-appellat li hemm kontestazzjoni

min-naħa tal-appellant dwar il-qligħ li kien jagħmel mix-xogħol li kien jagħmel għal rasu, għaliex ma kienx jiddikjarah mal-awtoritajiet fiskali, il-Qorti tosserva li fil-verita` ma jista' jkun hemm l-ebda kontestazzjoni dwar dan il-punt fl-appell peress li l-ewwel Qorti ma akkordat l-ebda ammont f'dan ir-rigward. Dwar l-argument tal-appellant li anke persuni li ma jagħmlux xogħol barra mid-dar jiġu akkordati *lucrum cessans* f'kawżi ta' danni akwiljani, il-Qorti tosserva li ma jidher li hemm l-ebda kontestazzjoni f'dan ir-rigward min-naħa tal-appellant. Minn qari tar-rikors tal-appell huwa ċar li dak li qed jikkontesta l-appellant mhuwiex il-fatt li l-appellat ġie akkordat danni *lucrum cessans* iżda biss l-ammont li effettivament ġie likwidat għaliex skont l-appellant dan l-ammont kellu jiġi likwidat a bażi tal-paga nazzjonali minima ġaladarba l-appellat ma ressaq l-ebda prova oġġettiva dwar l-introjtu tiegħu fiż-żmien tal-inċident in kwistjoni.

17. Fir-rigward tal-ammont ta' paga bażika li fuqha għandu jiġi maħdum il-*lucrum cessans,* il-Qorti tibda billi tirrileva li huwa minnu li l-komputazzjoni tal-*lucrum cessans* għandha tkun primarjament ibbażata fuq il-paga tal-vittma fiż-żmien tal-inċident[1] u li dwar dan ma tressqitx prova mill-attur. Il-Qorti għandha pero` tieħu kont ukoll ta' potenzjali awmenti u promozzjonijiet għaliex fil-komputazzjoni tagħha tal-*lucrum cessans* il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni r-realta` tal-ħajja. [2] Il-Qorti tinnota li l-attur preżenta FS3 li turi li s-salarju tiegħu fl-2020 kien ta' ċirka

[1] Ara f'dan ir-rigward: **Alex Azzopardi v. Anna Ellul et** (Prim' Awla, 20/05/2013).
[2] Ara per eżempju: **Laura Formosa et v. Emanten Spiteri et** (Prim' Awla, 28/04/2005).

€22,500 nett fis-sena. Għalkemm dan is-salarju kien qed jiġi perċepit minn impjieg differenti, peress li jirriżulta li għalkemm fiż-żmien tal-inċident in kwistjoni l-attur kien impjegat ma' Malta Dairy Products, fl-2020 kien impjegat ma' Malta Freeport Corporation Ltd, dan id-dokument xorta waħda jagħti linja gwida ċara dwar il-kapaċita` tal-qligħ tal-attur u l-potenzjal għall-awment fil-paga li għandu jittieħed in konsiderazzjoni mill-Qorti. Mill-komputazzjoni magħmula mill-ewwel Qorti fil-paragrafu 35 tas-sentenza appellata jidher li l-ewwel Qorti bbażat il-kalkolu tagħha tal-*lucrum cessans* fuq paga bażika annwali ta' €17,160. Din il-Qorti tqis li din is-somma hija ġusta fiċ-ċirkostanzi għaliex huwa ammont loġiku li wieħed jasal għalih meta jieħu in konsiderazzjoni l-paga medja annwali fiż-żmien relevanti skont ir-rapporti relattivi maħruġa mill-Uffiċju Nazzjonali tal-Istatistika[3] fid-dawl ukoll tal-paga li kien jipperċepixxi l-attur fl-2020, li kif ingħad tagħti idea pjuttost ċara tal-kapaċita` tal-qligħ tiegħu. Għalhekk il-Qorti tqis li m'hemmx lok li jsir xi tibdil f'din il-parti tas-sentenza appellata.

18. L-appellant jilmenta wkoll dwar il-*multiplier* li ġie wżat mill-ewwel Qorti, li kien ta' 22. L-attur kellu 43 meta seħħ l-inċident in kwistjoni u għalhekk l-appellant isostni li l-*multiplier* adottat mill-ewwel Qorti huwa żbaljat għaliex ikopri ż-żmien kollu bejn l-eta` tal-attur meta seħħ l-inċident u l-eta` tal-irtirar. Il-Qorti tosserva pero` li l-appellant ma ressaq

[3] NSO, Labour Force Survey: Q4/2015 (23 Marzu 2016) pġ. 5.

l-ebda argument li jista' jikkonvinċi lil din il-Qorti li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ l-ewwel Qorti għamlet żball meta adottat *multiplier* ta' 22. Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti m'hemmx lok li l-*multiplier* adottat mill-ewwel Qorti jiġi mibdul.

19. Magħdud dan pero` l-Qorti tirreleva li l-ewwel Qorti ħadet żball ta' kalkolu f'paragrafu 35 tas-sentenza appellata meta qieset li l-ammont dovut bħala *lucrum cesans* għandu jkun ta' €12,800 billi kalkolu ġust tal-istess ammont iwassal għal €12,081.

20. Għaldaqstant, l-appell tal-konvenut qiegħed jiġi milqugħ limitatament, u għalhekk mid-danni akkordati mill-ewwel Qorti għandha titnaqqas is-somma ta' erbat elef u mitt ewro (€4,100) rappreżentanti ammonti likwidati mill-ewwel Qorti għall-spejjeż mediċi, telf ta' ntrojtu meta l-appellat kien allegatament mhux qed jidħol xogħol wara l-inċident u telf ta' *overtime*, u dan *stante* nuqqas ta' provi, kif ukoll l-ammont ta' seba' mija u dsatax-il ewro (€719) minħabba l-kalkolu ħażin tad-*damnum emergens* magħmul mill-ewwel Qorti.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' limitatament l-appell tal-konvenut u tordna lill-konvenut George Fava jħallas lill-attur is-

somma ta’ tlettax-il elf u tmien mija u wieħed u tmenin ewro (€13,881) minflok is-somma likwidata mill-ewwel Qorti, bl-imgħax jiddekorri mid-data tas-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjeż tal-appell jitħallsu in kwantu għal terz ($^{1}/_{3}$)mill-attur u żewġ terzi ($^{2}/_{3}$) mill-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm